# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 1 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 469/01**

**Numru 32**

**U.C.I.M Co Limited**

**vs**

**Marion Cucciardi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tmenin lira (Lm480) rappresentanti import ta' sitt (6) kambjali ta' Lm80 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2000 sa Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 6 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammontaw ghal Lm9, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li n-nota tas-socjeta' attrici (Fol 15 tal-atti) li biha l-ammont mitlub fl-avviz gie ridott ghal Lm189 bl-imghax mill-17 ta' April 2001 stante pagament fil-mori tal-kawza;

Wara li rat id-dokumenti annessi (fol 2 sa fol 7 tal-istess atti).

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont kif ridott u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fid-19 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm189.00,0 bl-imghax legali mill-17 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 469/01 JAB